MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 123/1999/2

**Maria u Carmela ahwa Curmi**

**v.**

**Marceline Farrugia**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. Dan hu appell ad istanza tal-konvenuta minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex),

gurisdizzjoni superjuri, fis-17 ta’ Marzu 2005, fil-kawza fl-ismijiet premessi, li fiha gie ritenut u deciz hekk:
“Il-Qorti,

“Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:

“Illi fil-gurnata tal-10 ta’ Dicembru 1998 ghall-habta tat-7.45 ta’ filghodu waqt li l-konvenuta kienet qed issuq il-karozza taghha tal-marka Suzuki Swift bin-numru ta’ registrazzjoni BBG 401 fi Triq li taghti mix-Xewkija ghas-Sannat, maghrufa komunement bhala ‘Tal-Kejzelli’, investiet lil Emmanuela Curmi;

“Illi per konsegwenza ta’ dan l-incident il-konvenuta kkagunat feriti fuq il-persuna ta’ l-istess Emmanuela Curmi illi eventwalment wasslu ghall-mewt taghha illi sehhet fl-14 ta’ l-istess xahar;

“Illi effettivament ghall-incident fuq imsemmi tahti unikament u esklussivament il-konvenuta minhabba sewqan eccessiv u imprudenti da parti taghha minhabba illi hija naqset illi zzomm ‘a proper look out’ u minhabba illi hija naqset li tosserva r-regolamenti tat-traffiku;

“Illi Emmanuela Curmi kienet tigi oht l-atturi u di piu` innominathom eredi universali taghha skond it-testment taghha fl-atti tan-Nutar Emanuel George Cefai tal-4 ta’ Lulju 1985;

“Illi l-atturi sofrew danni per konsegwenza ta’ l-imsemmi incident konsistenti f’danni emergenti kif ukoll dawk lucri cessanti; u dan sia minhabba l-fatt illi huma nies illitterati u kienu jiddipendu minn ohthom u issa wara mewtha qeghdin isibuha difficili jsibu minn jikkurahom u jiehu hsiebhom bl-istess mod, sia ghaliex hija kienet tghinhom finanzjarjament mill-paga u l-pensjoni taghha, kif ukoll danni ohra kif jirrizultaw dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“Illi l-atturi jridu illi jigu kkumpensati ta’ dawn id-danni;

“Talbu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

“1. tiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-imsemmi incident stradali illi gara fit-triq li taghti mix-Xewkija ghal Sannat, kommunement maghrufa ‘Tal-Kejzelli’, Ghawdex, fl-10 ta’ Dicembru 1998 meta l-vettura tal-marka Suzuki Swift bin-numru ta’ registrazzjoni BBG 401 misjuqa minn Marcelline Farrugia u assikurata maghkom (sic) investiet il-persuna ta’ Emanuela Curmi u finalment ikkagunat il-mewt taghha;

“2. tillikwida d-danni sofferti mill-atturi billi tiddikjara illi jikkonsistu f’dawk id-danni emergenti u lucri cessanti illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“3. tikkundannha thallas dawn id-danni hekk likwidati.

“Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ April 1999, kif ukoll dik prezentata kontestwalment kontra l-kumpanija assikuratrici u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attrici u l-lista tax-xhieda taghha;

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta illum mart Peter Paul Micallef li eccepiet:

“1. illi l-ewwel talba ghandha tigi michuda ghax ghall-incident de quo ma kinitx tahti l-eccipjenti;

“2. illi jsegwi, riferribbilment ghat-tieni talba, li m’hemmx danni x’jigu likwidati fil-konfront ta’ l-eccipjenti;

“3. illi jizdied isegwi, riferribbilment ghat-tielet talba, li m’hemm l-ebda quantum ta’ danni li l-konvenuta ghandha tigi kundannata thallas lill-atturi.

“Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha wkoll il-lista tax-xhieda taghha;

“Semghet ix-xhieda;

“Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

"Ikkunsidrat:

"Hu fatt mhux kontestat illi fl-10 ta' Dicembru 1998 ghat-7.45 ta' filghodu l-konvenuta kienet qeghda ssuq il-vettura taghha numru ta' registrazzjoni BBG 401 fit-triq li minn Sannat tiehu ghax-Xewkija, daqs kemm mhux kontestat li fil-hin imsemmi l-vittma Emmanuela Cini harget ghall-mixja tas-soltu u spiccat ma' l-art issofri minn feriti gravi konsegwenza ta' liema ttiehdet l-Isptar Generali t'Ghawdex u mietet erbat ijiem wara. Mill-ezami nekroskopiku, awtorizzat u maghmul fuq il-persuna taghha, fil-kors ta' l-inkjesta li nfethet dwar il-kaz, gie stabbilit li l-kawza tal-mewt kienet 'a head injury caused by blunt force trauma' bl-aggunta li 'the pattern of the injuries is consistent with a pedestrian involved in a road traffic accident'. Il-konvenuta qeghda tigi azzjonata li kienet responsabbli ghal dan l-incident li safa' fil-mewt ta' l-imsemmija Cini u mitluba thallas d-danni likwidati lill-werrieta. L-azzjoni hi a bazi ta' l-artikolu 1046 tal-Kodici Civili li jiddisponi li "jekk minhabba l-eghmil li jaghti lok ghad-danni xi hadd imut, il-qorti tista', flimkien mat-telf u spejjez attwali ikkagunati, taghti lill-werrieta tal-mejjet id-danni, bhal fil-kapacita` totali ghal dejjem, skond id-disposizzjonijiet ta' l-ahhar artikolu qabel dan", jigifieri, fit-telf tad-danni emergenti u lukri cessanti mehud in konsiderazzjoni c-cirkostanzi tal-kaz u b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapacita` ikkagunata, u l-kundizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.

"Huwa fatt ippruvat mill-uniku u l-ahhar testament tal-vittma li l-werrieta taghha huma l-atturi li kwindi fuqhom jaqa' l-oneru li jippruvaw r-responsabilita` tal-konvenuta ghall-incident. Din il-prova f'kawza ta' indole civili hija differenti minn dik li jehtieg issir f'kawza kriminali u d-differenza hija wahda netta ghaliex waqt li f'azzjoni kriminali l-prosekuzzjoni ghandha tipprova 'minghajr ebda dubju dettat mir-raguni', f'dik civili hu bizzejjed li titnissel certezza morali fil-gudikant bbazata fuq fatti pruvati bi provi espressi u fuq inferenzi li naturalment u probabbilment jemergu minn dawn il-fatti. Issa, fil-verita`, l-konvenuta mhix qeghda tichad li nvestiet lill-imsemmija

Cini ghalkemm lanqas tiddikjarah espressament. Fid-dikjarazzjoni guramentata taghha annessa man-nota ta' l-eccezjonijiet taghha, tghid, hi u tispjega d-dinamika ta' l-incident: "li kienet wara 'minibus' u giet ha taqla' lil din … appena harget naqra rat li ma kienx hemm spazju u kompliet zammet lura bla ma bdiet is-sorpass; avanzat ftit iehor u giet tisbita mal-bieba tan-naha tad-driver u kienet pronta waqfet; harget mill-car u rat mara ma' l-art". Fil-kors tal-proceduri, f'liema l-konvenuta iddikjarat li ma kinitx ser tixhed, irrizulta li l-manuvra ta' sorpass tentata minnha kienet minn fuq in-naha ta' gewwa u l-vittma spiccat mal-genb tat-triq. Irrizulta wkoll li l-istess konvenuta marret tirraporta l-incident hija stess aktar tard matul il-gurnata u dan prezumibilment u probbabilment meta kienet irpiljat mill-istat ta' ansja u konfuzjoni li hakmuha. Hawnhekk il-konvenuta irrilaxxjat stqarrija (esebita folio 62 tal-process) fejn kienet aktar espansiva dwar kif sehh l-incident. Qalet li pruvat taqla' lill-'minibus' "minn fuq gewwa" stante li l-'minibus' kien f'nofs it-triq, li fil-hin li pruvat taqla' rat li ma kienx hemm wisa' bizzejjed u applikat il-brake "bil-mod"; hawnhekk semghet daqqa mal-karozza man-naha taghha u waqfet sabiex tara x'gara u sabet mara minduda fl-art "ma gemb it-triq". Ziedet tghid li ratilha demm hiereg minn imnifsejha, kellha ghajnejha maghluqa, pero` kienet qeghda tiehu n-nifs u qaghdet maghha tassistiha kif setghet sakemm giet l-ambulanza li ttrasportat lill-mara l-isptar.

"Fid-dawl tal-fatti kif fuq esposti u xhieda ohra prodotta l-Qorti m'ghandhiex dubbju li ghall-incident de quo tahti u trid tirrispondi unikament l-konvenuta.

"Ikkunsidrat:

"Illi ghal dak li huma danni, kemm ghal dawk emergenti u kemm ghal dawk lukri cessanti, gia` sar accenn ghall-fatt li l-atturi huma intitolati li jigu rizarciti d-danni. Jigi f'dan il-kuntest puntwalizzat li d-danni huma dovuti rrispettivament minn jekk l-eredi sofrihomx materjalment jew direttament minhabba li kienu dipendenti ghall-ghixien taghhom mid-decujus. Huma dovuti minhabba li l-mewt prematura, dovuta ghall-fatt kolpus ta' terz, naqqas jew

kellu l-potenzjalita` li naqqas il-patrimonju tad-decujus. Fil-kwalita` taghhom ta' eredi huma libsu z-zarbun tad-decujus. L-istat ta' dipendenza mbaghad ghandu l-importanza tieghu fuq il-quantum tal-likwidazzjoni. Fil-kaz in dizamina l-atturi jirrivendikaw id-dipendenza fuq li huma illitterati u kienu jistriehu fuq id-decujus. Dan jista' ikollu valur ekonomiku ghalkemm il-Qorti mhux qeghda b'daqshekk tirriskontra xi dipendenza qawwija. Jibqa' pero` li l-mejta kellha pensjoni li fis-sena meta gara l-incident, cioe` s-sena 1998, kienet tilhaq Lm2000. Huwa wkoll inkontestat li qeghdin hawn nitkellmu dwar nies, il-werrieta, li huma ta' eta` avanzata, kif kienet ukoll id-decujus, bi bzonnijiet certament mhux sofistikati. Ghalhekk, anke minn din il-perspettiva l-mejta kienet tirrisparmja xi haga anke mill-pensjoni taghha. Sfortunatament fil-process m'hemm xejn li jista' jivvalorizza dina t-tezi b'tali mod li jaghti aktar konsistenza ghad-danni reklamati. Konsiderat pero` l-fatt li l-atturi ghandhom dritt ghal lukri cessanti u mehud in konsiderazzjoni l-introjtu tad-decujus derivanti esklussivament mill-pensjoni u wkoll l-eta` taghha, li kienet ta' 58 sena, ukoll dak li kienet tonfoq ghall-konsum personali taghha u li l-pagament ser jigi inkassat f'somma wahda, il-Qorti, billi mhix tal-fehma li tista' tadotta l-metodu li soltu jintuza u stabbilit f'Butler v Heard qeghda invece tadotta l-arbitriju diskrezzjonali taghha u tillikwida s-somma ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2500) oltre d-danni emergenti li jirrizultaw fis-somma ta' sitt mija u sebgha u hamsin lira Maltin (Lm657); b'kollox f'total arrotondat ta' tlett elef u mitejn lira Maltin (Lm3200).

"Tiddeciedi ghalhekk li fil-waqt li tilqa' t-talbiet ta' l-atturi billi tiddikjara l-konvenuta unikament u interament responsabbli li kkawzat il-mewt ta' Emmanuela Cini, l-awtrici ta' l-atturi, tillikwida favur taghhom in linja ta' danni l-ammont ta' tlett elef u mitejn lira Maltin (Lm3200)[1] u tikkundanna lill-konvenuta thallas l-ammont hekk likwidat lill-atturi.

[1] Illum ammontanti ghal €7,453.99

"L-ispejjez tal-kawza jibqghu a karigu ta' l-istess konvenuta."

**<u>L-appell tal-konvenuta Marcelline Farrugia</u>**

2. Il-konvenuta hassitha aggravata b'din is-sentenza u interponiet appell minnha ghal fini ta' <u>riforma</u> in kwantu talbet ir-revoka ta' parti minn din is-sentenza fejn hija giet ikkundannata thallas lill-atturi appellati s-somma ta' Lm2543 in linja ta' <u>lucrum cessans</u>. Barra minn dan talbet ukoll li l-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mill-atturi appellati tenut kont tal-fatt li l-assikuraturi ta' l-attrici offrew li jhallsu l-ispejjez funerarji kollha, u dan bla pregudizzju.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-APPELLATI GHAR-RIKORS TA' APPELL</u>**

3. Il-kontro-parti appellata wiegbu li l-appell interpost mill-konvenuta ghandu jigi resprint u s-sentenza appellata kkonfermata, bl-ispejjez kontra l-appellanta.

**<u>L-AGGRAVJU TAL-KONVENUTA</u>**

4.1. L-appellanti tissottometti li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ghaddiet biex tillikwida s-somma ta' Lm2,500 bhala *lucrum cessans*, u li wara tellghatu ghal Lm2,543 ghar-raguni li l-uniku introjtu tal-vittma kien dak derivanti minn pensjoni percepibbli taht l-iskema tas-Servizzi Socjali u xejn aktar. "Tali pensjoni – tissottometti l-appellanti – hija mahsuba biex biha jghix dak li jkun (il-pensjonat) u mhux biex minnha jsir tfaddil". Lanqas ma rrizulta li l-vittma kellha introjtu iehor.

4.2. L-appellanti tissottometti illi l-ligi taghna ma tammettix hlas *ex pietatis causa* imma biss danni reali – li fil-kaz in ezami ma jezistux. Id-diskrezzjoni adoperata mill-ewwel Qorti taht l-aspett ta' lukri cessanti kien ghalhekk wiehed "imgebbed" u "immaginarju".

4.3. L-ewwel Qorti hadet l-eta` ta' 58 sena meta qieset kemm kellha l-vittma fiz-zmien li ntlaqtet mill-vettura tal-konvenuta. Dan kien skorrett ghax il-provi juru li hija kellha gia` 68 sena.

4.4. Kien jinkombi fuq l-atturi li jippruvaw x'tilfu u dan naqsu milli jaghmluh relattivament ghal lukri cessanti.

**IR-RISPOSTA TA' L-APPELLATI**

5.1. Dwar l-eta` tal-vittma, li tassew kienet dik ta' 68 sena, dan kien biss *lapsus calami*. L-ewwel Qorti kienet korretta meta qaghdet fuq l-arbitriju diskrezzjonali taghha dwar il-lukri cessanti u dan ghamlitu wara li qieset fost l-ohrajn li l-probabbilita` ta' tfaddil da parti tal-vittma li kieku ma sfatx maqtula. Li kieku l-ewwel Qorti adoperat il-formula uzata f'**Butler v. Heard**, kien ikun hemm ammont aktar x'jithallas.

5.2. Fl-ahharnett ma taghmel ebda sens dik il-parti ta' l-aggravji fejn l-appellanti talbet li l-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mill-atturi, lanqas fl-aghar ipotesi u kieku kellha ssehh riforma *in parte* tas-sentenza appellata. L-appellanta lanqas biss telabora wisq dwar dan l-aggravju, li hu wkoll infondat.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

6. L-appell tal-konvenuta huwa cirkoskritt ghall-*quantum* tad-danni li gew likwidati mill-ewwel Qorti riferribbilment ghall-incident stradali li wassal direttament ghall-mewt ta' Emanuela Curmi, xebba, fl-eta` ta' 68 sena. Il-kawza in ezami giet istitwita mill-werrieta tal-vittma. L-ewwel Qorti llikwidat in linea ta' danni l-ammont globali ta' Lm3,200. Dan sar billi l-istess Qorti hadet kont tad-*dannum emergens*, li kienu jammontaw ghal Lm657, imbaghad *arbitrio boni viri* llikwidat l-ammont addizzjonali ta' Lm2500 ghal fini ta' *lucrum cessans*. Peress li z-zewg ammonti gabu t-total ta' Lm3,157, l-ewwel Qorti arrotondiet 'l fuq l-imsemmi ammont u spiccat biex finalment waslet ghall-ammont ta' Lm3,200.

7. Il-konvenuta dehrilha li, filwaqt li l-ammont ta' Lm657 bhala danni emergenti kien wiehed gustifikat u dovut, mhux l-istess kellu jinghad ghall-bqija ta' l-ammont likwidat. Ghalhekk f'dan l-appell qeghda titlob ir-revoka ta' dik il-parti tas-sentenza in kwantu hija kkundannata thallas ukoll l-ammont ta' Lm2,543 flimkien ma' l-ammont dovut in

linea ta’ danni emergenti, u dan talbitu bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

8. Din il-Qorti taqbel ma’ l-appellanti fis-sens li meta l-ewwel Qorti tirreferi ghall-eta` tal-vittma hija ssemmi l-eta` ta’ 58 sena, mentri fil-verita` l-vittma kellha ghaxar snin aktar, jigifieri 68 sena. Ghall-appellanta dan il-punt “hu rilevantissimu” u kellu jincidi fuq il-*quantum* tad-danni.

Naturalment, hu evidenti li altru persuna tmut fl-eta` ta’ 58 sena, u altru tmut ta’ 68 sena ghal fini ta’ *lucrum cessans*. Madanakollu, din il-Qorti tosserva fl-istess hin illi l-ewwel Qorti dehrilha opportun li kellha tiffissa *arbitrio boni viri*, l-ammont ta’ *lucrum cessans* – f’ammont diskret ghall-ahhar – wara li hadet kont tal-fatt li l-vittma kienet tippercepixxi annwalment per via ta’ pensjoni l-ammont ta’ elfejn lira Maltija (Lm2,000) u wara li qieset ukoll il-kondizzjoni ta’ hajja ezercitata mill-vittma. Issa huwa kollu minnu li trattandosi hawn ta’ werrieta li ma kinux jiddependu ghal kollox fuq il-mejta ghas-sostenn taghhom, u tenut kont ukoll tal-fatt li l-ligi taghna la tirrikonoxxi danni morali u wisq anqas l-ghoti ta’ ammont ta’ danni *ex pietatis causa* bl-opera tal-ligi, allura dana kollu jimmilita kontra l-ghoti ta’ xi somma ta’ certa entita` lill-werrieta. Izda jidher li kien proprju ghalhekk li l-ewwel Qorti, flok ma fittxet li toqghod tirrikorri ghal xi formula ta’ likwidazzjoni partikolari qabdet u bbazat ruhha fuq dak il-minimum li kienet tircievi l-vittma biex finalment hadmet il-likwidizzjoni fuqha. Issa meta jirrizulta li l-vittma kellha pensjoni ta’ Lm2,000 *per annum*, wiehed ghandu jipprezumi li xi haga minn dan l-ammont kienet titfaddal u huwa fatt innegabbli (ghax jirrizulta mill-provi) li l-vittma, minkejja l-eta` avvanzata li kellha, kienet ghadha bniedma attiva u tohrog timxi ghal rasha bla ma tiddependi fuq haddiehor. Hadd ma seta’ jbassar kemm din il-persuna setghet tibqa’ tghix. Li huwa accertat hu dak li hajjitha sfortunatament giet terminata hesrem f’incident li seta’ gie evitat, u li gara b’tort unikament attribwibbli lill-appellanti, li minkejja li issa qeghda taccetta t-tort u r-responsabbilita` taghha ghas-sinistru, fl-ewwel istanza kienet invece irriteniet u sostniet bil-maqlub (hekk ara nota ta’ l-eccezzjonijiet, fol. 8-9, u nota ta’ osservazzjonijiet, fol. 272-274 tal-process).

Dan l-akkaniment da parti tal-konvenuta diga` ssarraf f'dewmien ta' disa' (9) snin biex l-atturi jiehdu dak li kien jispetta lilhom bil-ligi in konsegwenza ta' l-incident *de quo.* Kien <u>biss</u> fl-istadju ta' l-appell, kif gia` gie rilevat, li l-konvenuta dehrilha opportun li ma tibqax tinsisti aktar fuq il-linja difensjonali ta' nuqqas ta' responsabbilita` totali da parti taghha ghall-akkadut.

9. Minn ezami akkurat tal-provi u tas-sottomissjonijiet li saru tul il-kawza, jidher li l-appellanti qeghda ssostni *inter alia* li kwantu ghal-*lucrum cessans*, il-vittma ma kellha assolutament ebda patrimonju, fi flus, xi thalli liz-zewg hutha anzjani. Dan ghaliex hija ssostni (ara nota a fol. 276 tal-process).
"Kif jaf kulhadd il-pensjoni qeghda biex biha jghix il-pensjonant *sic et simpliciter* u infatti tmut mal-mewt tal-pensjonant."

Issa ghalkemm dan ir-ragjonament ghandu certa validita`, lanqas ghandu jsegwi li l-persuna in kwistjoni kellha tonfoq bil-fors it-totalita` tal-pensjoni kull darba li tirceviha. Rinfaccjata b'din is-sitwazzjoni, l-ewwel Qorti – gustament fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti – hasset li ghandha tuza l-arbitriju taghha biex tasal ghal risoluzzjoni gusta in linea ta' danni, wara li bbazat ruhha fuq l-unika prova tangibbli li giet prodotta mill-atturi bhala bazi ghal fini ta' likwidazzjoni tal-*lucrum cessans*. Fi kliem iehor, l-ewwel Qorti ma qabditx u "ivvintat minn zniedha" ammont kif gie gie. Strahet fuq prova konkreta u mxiet minn hemm. Kif tajjeb gie ritenut fil-kawza **Mary Bugeja v. George Agius**, Prim Awla tal-Qorti Civili, 12 ta' Dicembru 1987, f'dak li hija likwidazzjoni ta' danni, ghalkemm din ghandha dejjem tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realta`,
"Il-Qrati fil-pronuncjament taghhom dwar il-kriterji li ghandhom jintuzaw biex jippruvaw jaghmlu tajjeb ghall-incertezzi li l-likwidazzjoni ta' danni f'kazijiet simili dejjem jaghtu lok ghalihom, <u>(li) qatt ma jirrinunzjaw ghall-fakolta` diskrezzjonali taghhom</u>". (sottolinear ta' din il-Qorti).

Assumendo, u dan fuq bazi ta' probabilita`, li l-vittma kienet ser tghix ghal numru itwal ta' snin, ma hemm u ma

kien hemm xejn sproporzjonat jew eccessiv filli l-ewwel Qorti tillikwida l-ammont ta' Lm2,500 in linea ta' *lucrum cessans*. Din il-Qorti hija tal-fehma li trattandosi hawn ta' mewt ta' persuna fi stat ta' sahha relattivament tajjeb ghall-eta` taghha, li xi forma ta' "threshold" bhala minimu ghandu jkun hemm darba li jirrizulta li effettivament il-vittma kienet tippercepixxi regolarment pensjoni ta' mhux anqas minn Lm160 kull xahar. Din il-Qorti jidhrilha li meta l-ewwel Qorti waslet ghall-figura ta' Lm2,500 bhala *lucrum cessans*, hija hadet kont shih tal-fatturi u cirkostanzi kollha tal-kaz rigwardanti kemm il-patrimonju tal-mejta, kif ukoll il-grad ta' dipendenza min-naha ta' l-atturi appellati. Ghalhekk li wiehed jimbarka f'ezercizzju li bih "jipprova jnaqqar" xi hag'ohra minn dak li gia` huwa fil-minimu, ikun qieghed jidhol fl-odjuz, ezercizzju li m'ghandu jsib l-ebda sostenn min-naha ta' din il-Qorti ta' revizjoni.

11. Issa li kieku l-ewwel Qorti qabdet u kkwantifikat somma *ex pietatis causa* allura l-appellanta kien ikollha ragun fil-lanjanza taghha. U l-istess jghodd li kieku jirrizulta li l-ewwel Qorti strahet fuq danni morali jew "biss immaginarji", imma mhux hekk ghamlet l-ewwel Qorti. Dik il-Qorti qieset li l-vittma, bhalma kien il-kaz taz-zewg hutha settwagenarji, xebbiet bhalha, kellha "bzonnijiet certament mhux sofistikati". Kwindi rriteniet li:
"Ghalhekk, anke minn din il-perspettiva l-mejta kienet tirrisparmja xi haga anki mill-pensjoni taghha".

Din il-Qorti, fic-cirkostanzi, assolutament ma thossx li ghandha tiddisturba dak li gie *arbitrio boni viri* likwidat mill-ewwel Qorti bhala *lucrum cessans*.

12. L-aggravju dwar il-kap ta' l-ispejjez, apparti li l-appell fil-meritu jirrizulta li hu infondat, ftit li xejn jaghmel sens. Li toffri li thallas l-ispejjez funerarji kollha, bla pregudizzju, lill-werrieta u lanqas biss almenu tghaddi biex tiddepozitah ma jammonta in sostanza ghall-ebda assunzjoni ta' xi obbligu jew promessa ta' pagament in linea ta' danni. Li titlob, imbaghad, li l-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu interament mill-atturi (!) meta si trattava ta' appell dwar parti biss minn dak li gie attwalment deciz m'hi xejn ghajr, bir-rispett kollu, assurdita`.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata, tichad l-appell tal-konvenuta bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------